MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 53/2006/1

**Konkors ta’ Kredituri ta’ Carmelo Gauci Limited (C5376)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ HSBC Bank Malta plc li jghid hekk:
“Illi wara subbasta bin-numru: 87/2001 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmelo Gauci Limited giet depozitata garanzija bankarja bin-numru: 081-01/2005 ghall-ammont ta’ sitta u disghin elf, erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36) mill-istess bank esponenti permezz ta’ cedola numru: 748/2005 u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 tal-Kodici Civili

tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex tkopri l-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fil-konfront ta’ Carmelo Gauci Limited wara li dan tal-ahhar kien l-uniku kreditur li kien baqa’ jopponi ghac-cedola ta’ kompensazzjoni pprezentata mill-Bank esponent;

“Illi din il-garanzija bankarja giet depozitata wara dibattitu legali assidwu, kif jirrizulta mill-atti tac-cedola ta’ kompensazzjoni tat-30 ta’ Novembru 2004 (Dokument HSBC 1) bejn l-istess bank esponent u l-Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud. Fil-fatt, il-Bank esponent kien offra din il-garanzija bankarja minn jeddu, minghajr ordni tal-Qorti, sabiex jizblokka s-sitwazzjoni u jkopri l-interessi tal-istess Kummissarju u dan *ai termini* tal-Artikolu 338(4) tal-Kap.12 f’kaz li l-istess Kummissarju jirnexxilu jirbah kawza skond il-procedura kif stabbilita fl-Artikoli 338(6) u 416 tal-Kap 12;

“Illi sussegwentement, fit-2 ta’ Dicembru 2005 l-istess Kummissarju pprezenta rikors fl-atti tac-cedola fejn talab l-izbank tal-istess garanzija mic-cedola numru: 748/2005. Permezz ta’ digriet tas-6 ta’ Dicembru 2005 il-Qorti ordnat n-notifika tar-rikors surreferit lil ‘kull min ghandu x’ jaqsam’;

“Illi l-istess Kummissarju ghazel illi jinnotifika biss lid-debitur Carmelo Gauci Limited li f’ dan l-istadju ma kellux interess li jopponi. B’dan l-agir il-Kummissarju zvija lil din l-Onorabbli Qorti, li *stante* n-nuqqas ta’ oppozizzjoni minn kredituri ohra, il-Qorti permezz ta’ digriet taghha tal-10 ta’ Jannar 2006, laqghet it-talba ghall-izbank tal-Kummissarju;

“Illi in segwitu ta’ dan l-agir tal-Kummissarju, il-bank esponent, fit-12 ta’ Jannar 2006 ipprezenta rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-10 ta’ Jannar 2006 peress illi: (a) il-procedura uzata mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma kenitx dik korretta peress illi ma gietx uzata l-procedura stabbilita mill-Artikoli 338 (6) u 416 tal-Kap 12; (b) li apparti minn hekk, id-digriet ta’ din l-istess Qorti tal-10 ta’

Jannar 2006 gie milqugh kontra l-principju ta' *audi alteram partem*;

"Illi l-bank esponent jinsab kreditur tas-socjeta` Carmelo Gauci Limited fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u erbat elef, seba' mija tmienja u sebghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm2,204,778.97) *oltre* l-imghaxijiet legali skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin datat 27 ta' April 2001 u rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru 2001 mil-liema kreditu tnaqqas biss l-ammont ta' seba' mija u hamsa u sebghin elf lira Maltija (Lm775,000);

"Illi l-Bank esponent ghandu nteress li ma jibqax obbligat taht garanzija bankarja *ad infinitum* sempliciment ghax il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ghadu ma fetahx il-procedura apposta biex ikun jista' jottjeni d-dikjarazzjoni rikjesta mill-garanzija cioe` dwar jekk il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandux dritt porzjuri fuq dak il-Bank esponent jew le;

"Illi l-kreditu tal-HSBC Bank Malta p.l.c. jippregradwa fit-trattazzjoni tal-kawza u l-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m' ghandux dritt jopponi ghall-izbank tal-garanzija bankarja hawn fuq imsemmija;

"Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ftuh tal-konkors ta' kredituri kontra s-socjeta` Carmelo Gauci Limited."

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar, 2006, li in forza tieghu giet milqugha t-talba ta' HSBC Bank Malta plc, u filwaqt li gie ordnat il-ftuh tal-proceduri tal-konkors tal-kredituri, gie ordnat li jinhargu l-avvizi a tenur tal-Artikolu 416(1) tal-Kap. 12 u jsiru n-notifiki necessarji;

Rat illi in segwitu ta' dawn l-avvizi u n-notifiki relattivi, gew prezentati zewg rikorsi minn zewg kredituri, u cioe`,

wiehed mill-istess HSBC Bank Malta plc u iehor mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud;

Rat ir-rikors prezentat mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li jghid hekk:
“Illi l-imsemmija socjeta` Carmelo Gauci Limited hi debitrici tar-rikorrent fis-somma ta’ sitta u disghin elf erba’ mija sitta u hamsin liri Maltin sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36), u cioe` in kwantu ghas-somma ta’ tnejn u hamsin elf disa’ mija disgha u hamsin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm52,959.29) skond ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar, 2006, fl-ismijiet *Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Gauci Limited et* (kopja hawn annessa Dok. K4) u in kwantu ghas-somma ta’ tlieta u erbghin elf erba’ mija sebgha u disghin liri Maltin u seba’ centezmi (Lm43,497.07) skond ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru, 2002, fl-istess ismijiet imsemmija (ara kopja hawn annessa Dok. K5), u dan flimkien ma’ l-ispejjez gudizzjarji u l-interessi skond il-ligi.

“Illi dan il-kreditu hu pregradwat u jgawdi privilegg specjali skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Art. 52 ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998.

“Ghalhekk l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha li l-istess jigi ammess fil-lista tal-kredituri ai termini ta’ l-Art. 416 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u li l-kreditu tieghu jigi wkoll ippregradwat, prevja kull provvediment li jidhrilha xieraq li ghandha taghti u dan minghajr pregudizzju ghar-risposta tieghu li qed tigi pprezentata kontestwalment fl-atti ta’ din il-procedura, kif ukoll minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jizbanka s-somma ta’ sitta u disghin elf erba’ mija sitta u hamsin liri Maltin sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36) mir-Registru ta’ din l-Onorabbli Qorti kif awtorizzat skond id-digriet taghha ta’ l-10 ta’ Jannar 2006.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` Carmelo Gauci Limited.”

Rat ir-rikors prezentat mill-HSBC Bank Malta plc li jghid hekk:

“Illi in segwitu ghas-subasta immobbli bin-numru:117/2003 fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Gauci Limited (C-5376) giet depozitata garanzija bankarja bin-numru: 081-01/2005 ghas-somma ta’ sitta u disghin elf, erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36) mill-istess Bank esponent biex taghmel tajjeb ghal pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li jippregradwa fuq ir-rikavat mill-bejgh ta’ immobbli permezz ta’ cedola numru: 748/2005 u dana ai termini tal-Artikolu 338 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex tkopri l-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fil-konfront ta’ Carmelo Gauci Limited wara li dan tal-ahhar kien l-uniku kreditur li kien baqa’ jopponi ghac-cedola ta’ kompensazzjoni pprezentata mill-Bank esponent;

“Illi t-titolu ezekuttiv tal-Bank esponent fil-konfront tas-socjeta` Carmelo Gauci Limited huwa derivat minn kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 27 ta’ April 2001 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (Dokument HSBC1) u rez ezekuttiv permezz ta’ ittra ufficjali data 18 ta’ Settembru 2001 (Dokument HSBC2) is-socjeta` esponenti fis-somma ta’ zewg miljuni, mitejn u erbat elef seba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm2,204,778.97) u ghalkemm saru xi pagamenti akkont, is-socjeta` esponenti ghadha kreditrici tas-socjeta` intimata nonostante il-kompensazzjoni tal-prezz intier tal-immobbli mibjugh bis-subasta li tat lok ghal dawn il-proceduri;

“Illi l-kreditu tas-socjeta` esponenti gie kawtelat permezz ta’ Ipoteki Generali u Specjali Numri: 9080/1990, 6611/1991, 6612/1191, 7829/1991. 21166/1991, 15613/1993, 15614/1993, 106009/1995, 10763/1995, 17129/1995, 18084/1995, 10577/1998, 2730/1999, 5060/2000, 5061/2000, 7471/2001 kif muri minn kopja tar-Ricerki Ufficjali mahruga mir-Registru Pubbliku ta’ Malta (Dokumenti HSBC3) u ghalhekk is-socjeta` esponenti tissottometti bir-rispett illi l-kreditu taghha ghandu jigi pregradwat qabel dak tal-kredituri l-ohra.

"Illi l-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma jistax ikollu taxxa dovuta stante li s-socjeta` ilha li waqfet topera minn qabel is-sena 2002 u ghalhekk kull pretensjoni wara l-2002 hija jew infondata jew tirrapprezenta taxxa addizzjonali jew penali li ma humiex privileggjati filwaqt li ammonti dovuti qabel is-sena 2002 ma giex iskritt privilegg specjali kif rikjest mill-Artikolu 2029 tal-Ligi Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) biex jaghti pregradwazzjoni fuq immobbli;

"Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi prodotti u jirrizerva li jgib kwalunkwe prova ohra permessa mil-ligi, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippregradwa, a preferenza ta' konkorrenti, il-kreditu tas-socjeta` esponenti hawn fuq indikata u konsegwentement tigi awtorizzata tizbanka l-garanzija bankarja hawn fuq imsemmija ta' Lm98,456.36 depozitata permezz tac-cedola hawn fuq imsemmija numru: 748/2005."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju, 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi ddikjarat li l-gradwazzjoni li ghandha tirrizulta f'dan il-kaz tkun is-segwenti:

"L-Ewwel grad : HSBC Bank Malta Plc
It-Tieni Grad : Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u b'hekk il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud m' ghandux dritt jopponi ghall-izbank tal-garanzija bankarja ndikata fl-atti ta' dawn il-proceduri."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi dawn il-proceduri nbdew fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc permezz ta' rikors intavolat fit-18 ta' Jannar 2006 fejn intalab li din l-Onorabbli Qorti tordna l-ftuh tal-konkors ta' kredituri kontra s-socjeta` Carmelo Gauci Ltd. Fil-31 ta' Jannar 2006 it-talba tal-HSBC Bank Malta plc intlaqghet u gie ordnat il-ftuh tal-proceduri tal-konkors tal-kredituri, kif ukoll li jinhargu l-avvizi *a tenur* tal-**artikolu 416 (1) tal-Kap 12** jsiru n-notifiki necessarji. *In segwitu* ta' dawn gew prezentati zewg rikorsi minn zewg kredituri –

HSBC Bank Malta p.l.c u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

“Illi ghalhekk dan il-konkors jirrigwarda kreditu pretiz mill-kredituri konkorrenti fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta’ immobbli tas-socjeta` debitrici Carmelo Gauci Ltd. Kienet saret subbasta nru 87/2001 fl-ismijiet “HSBC Bank Malta plc vs Carmelo Gauci Limited” tal-immobbli proprjeta’ tas-socjeta` debitrici fejn il-bank ipprezenta cedola ta’ kompensazzjoni fit-30 ta’ Novembru 2004 biex jissodisfa *in parte* dak lilu dovut. Sussegwentement giet anki depozitata garanzija bankarja mill-bank permezz ta’ cedola ta’ depozitu nru 748/05 *ai termini* ta’ l-**artikolu 338 tal-Kap 12** sabiex tkopri l-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li kien kreditur li baqa’ jopponi ghac-cedola ta’ kompensazzjoni pprezentata mill-Bank. Infatti l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jikkontendi li huwa jgawdi privilegg specjali fuq l-immobbli in kwistjoni li kien jifforma parti mill-assi tas-socjeta` debitrici, *nonostante* l-fatt li huwa ma rregistrax dan id-dritt.

“Illi permezz ta’ digriet tal-4 ta’ April 2006 gie nominat il-Perit Legali Dottor Louis Cassar Pullicino li halef ir-rapport imhejji fis-6 ta’ Marzu 2007.

“Illi mill-atti processwali jidher li l-kontendenti kienu nvoluti fi skambju ta’ diversi rikorsi u risposti dwar il-proceduri tas-subbasta li wasslu ghal dan il-konkors u b’mod partikolari dwar ta’ l-approvazzjoni tat-tpacija mitluba minn HSBC Bank Malta plc wara li akkwistat il-proprjeta’ tas-socjeta` debitrici *animo compensandi* u d-depositu ta’ garanzija bankarja mill-istess Bank fis-somma ta’ Lm96,456.36 (€224,682.88) biex jaghmel tajjeb ghall-kreditu vantat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f’kaz illi l-kreditu pretiz mill-istess Kummissarju jippregradwa dak vantat mill-Bank. Dawk il-proceduri gew sorvolati b’dawn il-proceduri ta’ konkors tal-kredituri u b’hekk trid tinghata decizjoni fl-atti ta’ dan il-konkors sabiex jigi determinat min, fost iz-zewg kredituri konkorrenti, jippregradwa qabel l-iehor.

"Illi fi proceduri tal-konkors ta' kredituri l-ewwel kwistjoni li trid tigi ndirizzata hija l-verifika tal-krediti vantati mill-konkorrenti sabiex jigi accertat li jezisti dejn li huwa dovut lilhom.

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-Kreditu ta' HSBC Bank Malta plc gew esebiti diversi dokumenti flimkien ma' l-affidavit tal-P.L. Adrian Borg. Minn dawn il-provi jirrizulta illi b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 27 ta' April 2001 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (fol.174 u 396) is-socjeta` Carmelo Gauci Limited *inter alia* kkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitur tal-Bank fis-somma globali ta' Lm2,435,329.27 (€5,672,791.22) salvi imghaxijiet ulterjuri.

"Illi permezz ta' ittra ufficjali pprezentata mill-Bank fit-18 ta' Settembru 2001 fir-registru ta' din il-Qorti (fol.190 u 411) fil-konfront ta' Carmelo Gauci Limited u terzi li ggarantew il-hlas ta' dan id-dejn, saret interpellazzjoni sabiex is-socjeta` debitrici thallas is-somma ta' Lm2,204,778.97 ((€5,135,753.48) dovuta skond l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-27 ta' April 2001, liema ittra ufficjali saret ukoll *a tenur* tal-**artikolu 256 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex tirrendi l-istess kuntratt hawn fuq riferit ezegwibbli. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Carmelo Gauci Limited fit-22 ta' Settembru 2001 (fol.191 u 412).

"Illi fit-12 ta' Mejju 2006 gie pprezentat affidavit tal-Prokuratur Legali Adrian Borg fejn ikkonferma l-fatt li sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u li l-istess kuntratt gie rez titolu ezekuttiv bis-sahha tal-ittra ufficjali ndikata. Bis-sahha ta' proceduri ta' subbasta li kienu nbdew mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Subbasta Nru 117/03) kien inbiegh b'ordni tal-Qorti il-fond proprjeta' tas-socjeta` debitrici maghruf bhala Carga House, Psaila Street, Santa Venera. Din il-proprjeta' effettivament giet akkwistata minn HSBC Bank Malta Plc *animo compensandi* versu l-prezz ta' Lm775,000 (€1,805,264.38).

"Illi matul is-seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-16 ta' Ottubru 2006 l-istess PL Adrian Borg ipprezenta u

kkonferma nota li giet presentata u li fiha gie konfermat illi l-kreditu dovut lill-Bank jammonta ghall-ammont ridott ta' miljun, seba' mija u hamsin elf, mitejn u disgha u disghin lira u sebgha u tletin centezmu (Lm1,750,299.37 = €4,077,100.79) u in sostenn gie esebit prospett.

"Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi li ma gewx kontradetti jew kontrastati bl-ebda mod, din il-Qorti tikkonkludi illi HSBC Bank Malta plc huwa kreditur tas-socjeta` Carmelo Gauci Limited u li konsegwentement l-istess Bank ghandu jigi ammess jikkonkorri billi huwa kreditur fis-somma ta' Lm1,750,299.37 (€4,077,100.79), salvi imghaxijiet ulterjuri.

"Illi ghal dak li huwa l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dan huwa fl-ammont ta' sitta u disghin elf erba' mija u sitta u hamsin liri Maltin sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36 = €224,682.88) u dwar l-istess gew esebiti kopji ta' zewg ittri ufficjali pprezentati mill-Kummissarju kontra Carmelo Gauci Limited rispettivament fis-17 ta' Settembru 2002 u 27 ta' Frar 2006, li permezz taghhom saret talba ghall-hlas tal-ammonti rispettivi ta' Lm43,497.07 (€101,020.92) u Lm 52,959.29 (€123,361.96). Bis-sahha ta' dawn iz-zewg ittri ufficjali, it-talba tal-Kummissarju ghall-ammont globali ta' Lm96,456.36 (€224,682.88 gie rez titolu ezekuttiv skond il-ligi.

"Illi fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-16 ta' Ottubru 2006, gie pprezentat affidavit ta' George Catania li jokkupa l-kariga ta' Direttur tat-"Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kkonferma li t-talba ta' dan id-dipartiment hija ghas-somma ta' Lm96,456.36 (€224,682.88) u cioe' ghall-ammonti komplessivi ta' taxxa li kienu dehru f'avvizi mahruga mill-Kummissarju. Skond l-**artikolu 59 (1) tal-Kap 406** dawn l-istess avvizi jikkostitwixxu titoli ezekuttivi *ai termini* tal-Kap 12.

"Illi in kontro-ezami George Catania spjega illi mill-ammont pretiz, l-ammont li jirrapprezenta taxxa pura jammonta ghal cirka Lm40,000 (€93,174.94) u dan wara li kien sar pagament ta' Lm20,719.03 (€48,262.36), akkont

ta' somma akbar ta' Lm60,283.55 (€140,422.90). Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-privilegg pretiz mid-dipartiment huwa fuq is-somma ta' Lm40,000 (€93,174.94) u mhux fuq il-penali u l-kumplament li jidher fid-dokumenti annessi fl-affidavit tieghu.

"Illi ghalhekk f'dan l-istadju jirrizulta li l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-somma ta' sitta u disghin elf erba' mija u sitta u hamsin liri Maltin sitta u tletin centezmu (Lm96,456.36 = €224,682.88) huwa legalment dovut u l-ammont intier qed jigi ammess salv il-kwistjoni ta' privilegg u gradwazzjoni li se tigi trattata aktar 'il quddiem.

"Illi mill-provi jirrizulta li l-ammont reklamat mill-Bank kien gie kawtelat bl-iskrizzjoni ta' diversi ipoteki generali u specjali numerati : 9080/1990, 6611/1991, 6612/1191, 7829/1991, 21166/1991, 15613/1993, 15614/1993, 10609/1995, 10763/1995, 17129/1995, 18084/1995, 10577/1998, 2730/1999, 5060/2000, 5061/2000, 7471/2001.

"Illi kopja ta' dawn l-iskrizzjonijiet ipotekarji jirrizultaw annessi mal-affidavit tal-PL Adrian Borg a fol.414 *et seq* tal-process, kif ukoll annessi mar-rikors tal-Bank a fol.192 *et seq* tal-process.

"Illi l-vertenza ta' bejn il-partijiet tirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-HSBC Bank Malta plc fis-sens illi ladarba l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qatt ma rregistra privilegg specjali fuq il-proprjeta' subbastandi, dan il-kreditu tal-Kummissarju ma jistax jitqies li jgawdi mill-prilivegg kontemplat fl-**artikolu 62 tal-Kap 406.**

"Illi l-Perit Legali kkonkluda li n-nuqqas tar-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku tal-privilegg specjali da parti tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien fatali u b'hekk il-Kummissarju ma jgawdix privilegg specjali fuq il-proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lil Carmelo Gauci Limited u b'hekk l-uniku kreditur konkorrenti li jgawdi minn dritt ta' preferenza huwa HSBC Bank Malta plc li jippregradwa lill-Kummissarju.

"Illi l-Kummissarju tat-Taxxa, fin-nota ta' sottomissjonijiet, jikkontesta bil-qawwa kollha l-konkluzjoni tal-Perit Legali li skond huwa tmur kontra decenni ta' gurisprudenza.

"Illi fl-ewwel lok, l-**artikoli 62 tal-Kap 406** jipprovdi li :-

*"Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodici Civili".*

"Illi l-eccezzjoni tal-Bank hija bbazata fuq l-**artikolu 2029 tal-Kodici Civili** li jipprovdi :

*"Il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku fiz-zmien ta' xahrejn".*

"Illi *inoltre`* fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-Kummissarju sostna li l-Kap 16 huwa relevanti biss in kwantu l-privileggi u l-gradwatorja. Huwa kompla li l-**artikolu 62 tal-Kap 406** mhux talli jsostni li *lex specialis derogat generalis,* imma ghall-bqija hu tant car li ma jista' jaghti lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra dwar in-natura tal-privilegg spettanti lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Huwa sostna li fil-kaz odjern huwa l-mod kif tali privilegg ghandu jinzamm li hu differenti ghal dawk il-privileggi li jipprovdi ghalihom il-Kodici Civili, jigifieri li f'dan il-kaz il-Kummissarju m'ghandu l-ebda obbligu li jirregistra l-privilegg li jgawdi kontra d-debitur sabiex igawdi wkoll il-jedd ta' preferenza fuq kredituri ohra. Dan ghaliex l-artikolu 62 japplika *'minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra'* liema eskluzjoni saret mil-legislatur u hija pjenament gustifikata ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess nota. Partikolarment gie nnutat li huwa prattikament impossibbli li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-impjegati jirregistraw noti ta' privilegg kontinwament biex l-ammonti migbura minghandhom ghan-nom tal-Gvern jigu riflessi fir-

Registru Pubbliku u li jikkancellaw ukoll dawk in-noti kontinwament biex jirriflettu s-sitwazzjoni tal-pagamenti li jkunu dahlu.

“Illi l-Bank min-naha tieghu fin-nota ta’ sottomissjonijiet li l-frazi *‘minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra’* fl-**artikolu 62 tal-Kap. 406** mhux qed tipprovdi li l-privilegg specjali fuq l-immobbli m’ghandux jigi nsinwat. Izda tipprovdi ghall-pregradwazzjoni fuq dejn iehor li jkun munit bi privilegg ukoll. L-**artikolu 62** fil-fatt jipprovdi illi *‘it-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodici Civili’.* M’hemmx dubju illi meta l-legislatur uza l-frazi *‘minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra’* kien qed jirreferi ghal dawk il-ligijiet li jipprovdu li kreditu ghandu jippregradwa qabel kreditu u mhux kif qed jittenta jargumenta l-Kummissarju tal-VAT. Il-Kodici Civili jipprovdi tassattivament li sabiex privilegg specjali jkun jista’ jigi vantat, jehtieg li jigi registrat fit-terminu legali.

“Illi m’hemmx dubju li l-ligi li tirregola t-taxxa fuq il-valur mizjud hija ligi specjali. Din il-Qorti ovvjament taqbel ma’ dak sottomess mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ligi specjali tidderoga ligi generali. Izda fil-kaz in kwistjoni wiehed irid jirreferi ghall-artikolu in kwistjoni u jinterpretah. Infatti l-partijiet ma jaqblux fuq l-interpretazzjoni li dan l-artikolu ghandu jinghata kif diga’ ntqal aktar ‘il fuq. Huwa massimu assodat fil-gurisprudenza illi fejn il-ligi hija cara allura m’hemmx lok ghal interpretazzjoni. Pero’ din il-Qorti hija tal-fehma li l-**artikolu 62 tal-Kap 406** jaghti lok ghal interpretazzjoni.

“Illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud semma diversi ligijiet ohra li holqu krediti privileggati minbarra dawk elenkati fil-Kodici Civili, fosthom l-**artikolu 20 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)** li jipprovdi li l-pagi fil-limiti hemm stabbiliti jikkostitwixxu kreditu privileggjat u ghandu jithallas bi preferenza fuq kull jedd iehor sew jekk bi privilegg jew ipotekarju. Pero’ hemm differenza billi f’dak l-Att ma jiddisponix, bhal fil-kaz in ezami, li d-dritt tal-Kummissarju

tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkostitwixxi privilegg specjali u fl-istess artikolu jaghmel referenza ghall-**artikolu 2009 tal-Kodici Civili.** Huwa evidenti li l-legislatur ghamel hekk sabiex jillimita l-estensjoni tal-preferenza u dan jindika li meta semma ‘privilegg specjali’ dan ma kienx *in vacuum* izda kif kontemplat fil-Kodici Civili. B’hekk ghandu jigi regolat bl-istess mod kif regolat fil-Kodici Civili cioe’ anki bl-artikolu 2029.

“Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti *ubi lex voluit dixit* u kwindi ladarba l-legislatur irrefera ghall-Kodici Civili fl-**artikolu 62** seta’ facilment, li kieku dik kienet l-intenzjoni tieghu, li jezenta lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-obbligu ta’ l-iskrizzjoni tal-privilegg specjali fuq l-immobbli biex jikkonserva d-drittijiet tieghu. B’hekk jinghad li din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta sostna:-

*“Barra minn hekk, l-artikolu 62 jista’ jinghad li jinqasam f’zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi dan il-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-art.62, hija limitata ghall-kwistjoni ta’ gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali”.*

“Illi konsegwentement l-**artikolu 2029 tal-Kap 16** huwa applikabbli ghall-kaz in kwistjoni. Dan ifisser li ladarba l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud naqas li jirregistra fir-Registru Pubbliku l-privilegg specjali, huwa ma jgawdix privilegg specjali fuq il-proprjeta’ immobbli li kienet tappartjeni lil Carmelo Gauci Limited.

“Illi jinghad ukoll li filwaqt li l-emenda introdotta bl-**Att XIII tal-2005, l-artikolu 59 (2) tal-Kap 406,** m’ghandhiex effett retroattiv (*vide* **“Emanuel Fava vs Profs John Mamo LL.D. et” –** Cit Nru: 1023/94/PS – 3/10/2003; **“Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Alfred Caruana” –** App Civ Nru: 266/05/PS – 10/01/2007) u ghalhekk mhix applikabbli ghall-kaz in kwistjoni, pero’ hija ndikattiva li l-

privilegg specjali tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irid ikun registrat fir-Registru Pubbliku. Kif qal tajjeb il-Perit Legali din l-emenda tikkwalifika l-perjodu li fih jista' jigi registrat dan il-privilegg. M'hemm l-ebda ndikazzjoni fil-ligi li dan il-privilegg specjali jitwieled minghajr il-bzonn ta' registrazzjoni u mkien ma jinghad illi dak provdut fil-**Kap 406** japplika minkejja dak provdut fil-Kodici Civili jew ligi ohra.

"Illi ghalhekk l-HSBC Bank Malta plc jippregradwa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud."

Rat l-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fis-17 ta' Gunju 2008, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi talab illi din il-Qorti:
"... ... joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Civli Prim Awla tad-29 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet prmessi peress illi dik is-sentenza ma hijiex il-frott ta' smiegh xieraq ghar-raguni migjuba fl-ewwel aggravju tal-esponent u joghgobha tirrimetti l-kawza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex din tigi mismugha u deciza skond id-dettami tas-smiegh xieraq, u subordinatament u biss fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jidrilha illi m'ghandhiex thassar u tannulla s-sentenza appellata thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara u tiddeciedi li l-kreditu tar-rikorrent appellant jippregrada dak tas-socjeta` konkorrenti HSBC Bank Malta p.l.c., bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tal-appell ta' HSBC Bank Malta plc li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi dawn huma proceduri ta’ konkors minn zewg kredituri konkorrenti fuq ir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta` immobbli tas-socjeta` Carmelo Gauci Ltd.

Trattat, fl-ewwel lok, l-aggravju dwar smigh xieraq kif sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, din il-Qorti tara li bil-fatt li l-perit legali nominat mill-ewwel Qorti gieli gie ingaggjat bhala avukat mill-HSBC Bank Malta plc f’kawzi li tkun involuta, ma jwassalx ghall-konkluzjoni li l-Kummissarju gie ppregjudikat. Forsi, ghall-apparenza, kien ikun ahjar kieku gie mahtur bhala perit legali avukat li ma kellux relazzjoni diretta ta’ professjonist – klijent ma’ wiehed mill-konkorrenti; pero`, ma jirrizultax li dan il-perit legali nominat ma wettaqx l-inkarigu lilu moghti bid-debita attenzjoni u imparzjalita`. Fuq kollox, ir-rwol tal-perit legali kien biss li jesprimi opinjoni dwar il-fatti tal-kaz, izda d-decizjoni finali kienet imhollija, kif dejjem isir, f’idejn il-gudikant li, kif kien mistenni minnu, iddecieda l-kawza kif deherlu li kien jimmerita l-kaz. L-ahhar kelma kienet tal-Qorti u kwalunkwe *bias* li seta’ kellu l-perit legali (biex jigu evitati ekwivoci <u>qed jinghad li tali “bias” ma giex muri jew pruvat</u>), gie zgur imxejjen bl-imparzjalita` tal-gudikat sedenti f’dik il-Qorti.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi respint.

Dwar il-meritu, jinghad fil-qosor li kienet saret subbasta nru 87/2001 fl-ismijiet “HSBC Bank Malta plc vs Carmelo Gauci Limited” tal-immobbli proprjeta` tas-socjeta` debitrici fejn il-bank ipprezenta cedola ta’ kompensazzjoni fit-30 ta’ Novembru 2004 biex jissodisfa *in parte* dak lilu dovut. Sussegwentement giet anki depozitata garanzija bankarja mill-bank permezz ta’ cedola ta’ depozitu nru 748/05 *ai termini* ta’ l-Artikolu 338 tal-Kap. 12 sabiex tkopri l-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li kien kreditur li baqa’ jopponi ghac-cedola ta’ kompensazzjoni pprezentata mill-Bank. Infatti l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jikkontendi li huwa jgawdi privilegg specjali fuq l-immobbli in kwistjoni li kien jifforma parti mill-assi tas-socjeta` debitrici, *nonostante* l-fatt li huwa ma rregistrax dan id-dritt.

L-ewwel haga li tkun trid issir f’konkors hija l-verifika tal-krediti konkorrenti. Ghal dan il-fini, l-ewwel Qorti inkarigat perit legali sabiex jezamina l-pretensjonijiet taz-zewg konkorrenti u jara jekk u sa fejn dawn huma validi. Fil-fatt kemm il-perit legali u l-ewwel Qorti waslu ghall-istess konkluzjoni, u cioe`, li s-socjeta` HSBC Bank Malta plc ghandha kreditu veljanti ta’ Lm1,750,299.37, salvi imghaxijiet ulterjuri, waqt li l-kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu kreditu ta’ Lm96,456.36, li minnhom Lm40,000 huma taxxa, u l-bilanc penali. Fuq dawn il-figuri ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet u, quddiem din il-Qorti, ebda parti ma kkontestat il-kreditu tal-parti l-ohra.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija wahda ta’ gradwazzjoni, u cioe`, peress li ma hemmx flus bizzejjed biex jithallsu z-zewg kredituri s-somma kollha lilhom dovuta, hu mportanti li jigi determinat min ghandu jigi gradwat l-ewwel sabiex jithallas bi preferenza fuq il-konkorrent l-iehor. Il-kwistjoni ddur fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 62 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406) li jghid hekk:
“62. Il-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta’ persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-Artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili.”

L-ewwel Qorti abbraccjat it-tezi tal-HSBC Bank Malta plc, accettata wkoll mill-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti, li dan l-artikolu jaghti “privilegg specjali” lill-Kummissarju li, pero`, biex ikun validu fil-konfront ta’ immobbli, jehtieg li jkun registrat fir-Registru Pubbliku fit-termini tal-Artikolu 2029 tal-Kodici Civili. La darba tali registrazzjoni ma saretx, u l-flus in kwistjoni huma r-rikavat minn bejgh ta’ immobbli, gie deciz mill-ewwel Qorti li l-Kummissarju tal-VAT m’ghandhux privilegg li jithallas qabel il-bank, li ghandu l-kreditu tieghu protett b’ipoteki generali u specjali registrati fuq il-fond in kwistjoni.

Il-Kummissarju tal-VAT appella minn din id-decizjoni, u hu jsostni li l-"privilegg specjali", moghti lilu bl-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, irid jitqies bhala uniku u separat mill-privileggi specjali murija fil-Kodici Civli, peress li, fil-kliem tal-istess ligi, dan il-privilegg inghata lilu "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra".

Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-ligi in kwistjoni u ssib li, sa certu punt, iz-zewg partijiet qed jghidu affarijiet li ghandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naha l-ohra, huma zbaljati.

Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg specjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privilegg" kif jinghad f'legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta' privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privilegg specjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta' dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b'mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq "l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma' dak trattat fil-Kodici Civili.

Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m'ghandhomx effett "jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg specjali fuq immobbli hu munit b'*diritto di seguito* (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jaghti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed

taghmel tajjeb ghal dejn ta' xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b'referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta' Malta). Registrazzjoni ta' privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f'kull kaz, muniti bid-*diritto di seguito*.

Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:
"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jinghad li jinqasam f'zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit <u>illi dan il-privilegg specjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta' gradwazzjoni <u>diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali</u>". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "<u>t-taxxa msemmija ghandha tithallas</u>" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zammit v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, il-

kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".

Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).

Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f'kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent.

Irid jizdied li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq hlasijiet ohra li jistghu jkunu dovuti. Fil-fatt, George Catania, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, spjega li mill-kreditu totali ta' Lm96,456.36, l-ammont li jirrapprezenta taxxa pura jammonta ghall-Lm40,000, u fil-fatt ikkonferma illi l-preferenza pretiza mid-Dipartiment huwa fuq is-somma ta' Lm40,000 ekwivalenti ghall-€93,174.94. Hija din is-somma li ghandha tithallas lill-Kummissarju tal-VAT qabel kull dejn iehor, hi x'inhi d-data tar-registrazzjoni tal-privileggi relattiv minn dawn it-terzi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u ghalhekk tordna li l-gradwazzjoni li ghandha tirrizulta f'dan il-kaz hija s-segwenti:

L-ewwel grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-€93,174.94, u l-imghax relattiv.
It-tieni grad: HSBC Bank Malta plc
It-tielet grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-bilanc.

Minhabba n-novita` tal-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' din il-procedura jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------